MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 190/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Stefan Cutajar.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Stefan Cutajar ta' 23 sena bin Jospeh u Maria Iris nee Cassar, imwieled tal-Pieta' fis-16 t'April, 1984 u li joqgħod fil-fond numru 4, Flat numru 1, Triq l-Ajzar Ħal Safi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0203984(M)

Akkużat talli nhar l-4 ta' Awwissu, 2007, ghal habta tal-8.15 ta' filghaxija, gewwa Rahal Gdid bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' dak ta' serq ta' CD stereo tal-ghamla JVC, mudell KD-G332 u numru tas-serje 102X5661 minn vettura tal-ghamla Citroen, mudell Saxo, ta' lewn hadrani u bin-numru ta' registrazzjoni : LCC-943, li kienet tinsab ipparkeggjata fil- Qasam Industrijali ta' Kordin, limiti ta' Rahal

Gdid, wera dan il- hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill- volonta' tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa, gahd-dannu ta' Louis Cassar minn San Giljan u dana bi ksur tal-art. 263, 270 u 271 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin u lok, ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura tal-ghamla Citroen, mudell Saxo, ta' lewn hadrani u bin-numru tar-registrazzjoni : LCC 943, li kienet tinsab iparkeggjata fil- Qasam Industrijali ta' Kordin, limiti ta' Rahal  Gdid, liema hsara teccedi l- Lm10 izda mhux izjed minn Lm50, ghad-dannu ta' Louis Cassar minn San Giljan u persuni ohra u dana bi ksur tal-art. 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin u lok, ikkawza hsarat volontarji fuq CD stereo tal-ghamla JVC, mudell KD-G332 u numru tas-serje 102X5661, liema hsara teccedi l- Lm10 izda mhux izjed minn Lm50, ghad-dannu ta' Louis Cassar minn San Giljan u persuni ohra u dana bi ksur tal-art. 325 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin u lok hebb kontra l- persuna ta' Louis Cassar sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement f' Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat u xjentement, b' kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal- art. 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli sar recidiv ai termini ta' l-art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema senetnzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit- 30 ta' Awwissu, 2006.

Rat is-sentenza tal-24 t'April, 2013 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati li fiha l-appellant kien ikkundannat għal piena ta' sena priġuneija wara li l-Qorti sabet ħtija , wara li rat l-artikoli 263, 270, 271, 325, 49 u 50 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 7 tal-Liġijiet ta' Malta u lliberatu mill-akkużi kollha maħsuba taħt l-artikolu 339 tal-kap 9 in kwantu dawn ma kinux ippruvati u minn dak taħt l-artikolu 334 in kwntu waħda alternattiva.

Rat ukoll ir-rikors tal-appell intavolat mill-appellant fit-2 ta' Mejju 2013 li fih huwa talab riforma tas-sentenza billi tikkonferma l-ħtija tiegħu fejn instabet ħtija u fejn kien illiberat mir-raba' akkuża iżda tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta.

L-aggravju tal-appellant huwa limitat għas-sentenza ta' sena priġunerija. Waqt li jammetti li l-fedina penali mhix waħda feliċi iżda għandu jingħad li biddel ħajtu u għandu tarbija li qed jieħu ħsiebha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat il-kopja tal-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Ikkonsidrat

Li f'materja ta' piena huwa issa prinċipju assodat li din il-Qorti ma tiddisturbax il-piena li tkun imponiet il-Qorti tal-Maġistrati sakemm din il-piena hija fil-parametri tal-liġi u hija ekwa.

Il-Qorti fliet kemm is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll xi l-atti tal-proċess.

Ix-xhud ewlieni f'dan il-każ kien ċertu Aloysius Cassar (fol 38) li kien ra persuna fil-karozza tiegħu bil-bieba miftuħa, Kif kien ftit distanza 'l bogħod minnu kien staqsieh 'X'inti tagħmel?' U lanqas biss ta kasu. Imbagħad ralu r-radju tal-karozza f'idejh u mar biex jeħodhulu. Imbagħad żamm lill-appellant waqt li l-mara marret tgħajjat lil xi ħadd u għamlu rapport fl-għassa. Il-karozza tax-xhud hija rreġistrata bħala Citroen Saxo LCC 942. Ir-radju ma kienx jaħdem sewwa. L-appellant kien ħadlu r-radju u l-faċċata tar-radju. Ir-radju kien xtrah għaxart ijiem qabel u kien ijiswa Lm50. Il-quarter window swiet Lm13. Huwa nefaq ukoll Lm9 għand it-tellar u Lm8 biex irranġa r-radju.

Min-naħa l-oħra s-sur Christopher Darmanin, rappreżentant tad-Direttorat tal-Liċenzji ikkonferma li s-sid tas-Citroen Saxo LCC 943 huwa Aloysius Cassar.

PS 1594 Brian Caruana xehed li kien sab lis-sur Aloysius Cassar jargumenta mal-imputat. Huwa seta' jara li l-istereo kien kważi maqlugħ minn ġol-vettura għalkemm l-imputat ma laħaqx ħadu. Kien hemm wires maqlugħin minn ġod-dash board u l-istereo kien imdendel għax kien laħaq wasal sid il-karozza u qabdu hemmhekk u żammu hemm hekk sakemm marru l-Pulizija fuq il-post.

Mis-sentenzi ppreżentati, l-aktar waħda relevanti kienet dik mogħtija fit-30 t'Awwissu 2006 fil-konfront tal-imputat fejn kien hemm akkużi ta' erba' serqiet u riċetazzjoni) fi żmien meta l-appellant kelluj tnejn u għoxin sena u l-Qorti kienet poġġietu taħt probation għal tliet snin.

Dan ifisser li reati msemmija seħħew fi żmien din il-probation għaliex it-tliet snin kienu jiskadu fit-30 t'Awwissu 2009 waqt li r-reat twettaq fl-4 t'Awwissu 2007.

F'dan ir-rikors m'hemm ebda appell dwar is-sejbien ta' ħtija f'ċerti imputazzjonijiet u l-liberazzjoni minn oħrajn. Ir-rikors huwa ffokat fuq is-sentenza sabiex din tkun waħda ekwa u ġusta.

Jekk wieħed wieħed iqis l-ewwel tliet imputazzjoni u jħalli barra ir-raba' u l-ħames imputazzjoni (għaliex minn dawn tal-aħħar l-appellant kien liberat) kif ukoll jekk wieħed japplika l-artikolu 17(h) fejn it-tieni u t-tielet imputzzjoni jkunu assorbit fl-ewwel imputazzjoni minħabba l-prinċipju tal-mezz għall-fini, xorta dwar l-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-artikolu 41(1)(a) hemm piena li tista' tiżboq is-sena mogħtija jekk wieħed japplika l-artikolu 41(1)(a) bi grad.

Barra dan hemm ksur tal-ordni tal-probation. Għal dan il-ksur ma tistax tingħata probation order jew conditional discharge oħra fuq l-istess reat jew reati u lanqas tista' tingħata multa.

Hemm ukoll ir-reċidiva taħt l-artikolu speċjali tat-titlu tas-serq, jiġifieri l-artikolu 289.

Dan mhux każ fejn tista' tkun applikata sentenza sospiża, kemm minħabba r-reċidiva kif ukoll minħabba li r-reat twettaq fi żmien ta' probation.

Bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti fliet sew il-fedina penali tal-appellant u rat li ingħat ċansijiet oħrajn qabel. Kull min jibbenifka minn ordni ta' probation irid iżomm quddiem għajnejh li dak huwa ċans tajjeb biex jirriforma u jieqaf . L-appellant jidher li lanqas wara d-data ta' dan il-każ ma waqaf għaliex reġa' nstab ħati ta' tentattiv ta' serq minn karozza li seħħ fis-26 ta' Frar 2012.

B'danakollu matul iż-żmien tal-proċeduri, skont ma xehdet Mary Rose Farrugia fl-20 ta' Marzu 2013, jidher li l-appellant għamel xi ftit tal-progress sabiex jeħles mill-problema tad-droga..

Għaldaqstant il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-progress li għamel l-appellant, kif ukoll li għadda ftit taż-żmien, il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi billi waqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet, fis-sitta u fis-seba' imputazzjoni u fejn illiberat lill-appellant mir-raba' imputazzjoni kif ukoll fejn qieset il-ħames imputazzjoni bħala alternattiva u qed tirriformaha fejn ikkundannat lill-appellant għal piena ta' sena priġunerija u minflok qed tikkundanna lill-appellant għal piena ta' għaxar xhur priġunerija.

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex tingħata kull għajnuna possibbli lill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------